



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

15121/14

EF 296
ECOFIN 1015

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħatra tal-President, il-Viċi President u l-membri l-oħra full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2014/.../UE

ta' ... 2014

**dwar il-ħatra tal-President, il-Viċi President
u l-membri l-oħra full-time tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 56(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 225, 30.07.2014, p. 1.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill daħal fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2014.
- (2) Sabiex jiġi żgurat proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet rapidu u effettiv fi kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni stabbilit permezz tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament 806/2014 ("il-Bord") għandu jkun aġenzija speċifika tal-Unjoni bi struttura speċifika li tikkorrispondi għall-kompiti tiegħu.
- (3) Il-kompożizzjoni tal-Bord għandha tiżgura li jitqiesu kif dovut l-interessi rilevanti kollha involuti fil-proċeduri ta' riżoluzzjoni. B'kont meħud tal-kompitu tal-Bord, għandhom jinħatru President, Viċi President u erba' membri addizzjonali full-time tal-Bord.
- (4) Skont l-Artikolu 56(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-mandat tal-ewwel President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni maħtur wara d-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament hu taż tliet snin, li jista' jiġġedded għal perjodu ta' ħames snin. Skont l-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-mandat tal-Viċi President u tal-erba' membri l-oħra full-tima tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni hu ta' ħames snin.
- (5) Fid-19 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni pprovdiet elenkar qasir tal-kandidati għall-ħatra ta' President, Viċi President u erba' membri oħra full-time tal-Bord lill-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014. Fil-5 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ssottomettiet lill-Parlament Ewropew proposta għall-ħatra tal-President, il-Viċi President u erba' membri oħra full-time tal-Bord. Il-Parlament Ewropew approva din il-proposta fil-... 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura bħala membru full-time tal-Bord Uniku ta' Rizzoluzzjoni għal mandat ta' tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni:

Is-Sinjura Elke KÖNIG, President.
2. Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri full-time tal-Bord Uniku ta' Rizzoluzzjoni għal mandat ta' tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni:
 - Is-Sur Timo LÖYTTYNIEMI, Viċi President
 - Is-Sur Mauro GRANDE, Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni
 - Is-Sur Antonio CARRASCOSA, Direttur għall-Ippjanar tar-Rizzoluzzjoni
 - Is-Sinjura Joanne KELLERMANN, Direttur għall-Ippjanar tar-Rizzoluzzjoni
 - Is-Sur Dominique LABOUREIX, Direttur għall-Ippjanar tar-Rizzoluzzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
